# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 28 ta' Jannar 2020**

**Kawza Numru: 8**

**Rikors Guramentat Numru:- 1001/2019 JVC**

**Stephanie Fenech personalment u bhala kuratur ad litem ta' binha minuri Milorad Vekovic**

**vs**

**Id-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Guramentat fejn ir-rikorrenti ta' Stephanie Fenech nomine kkonfermat bil-gurament u talbet kif isegwi:

1. Illi l-minuri Milorad Vekovic twieled gewwa l-Imsida nhar il-hdax t'Awwissu 2016 (11.08.2016) u gie debitament registrat bl-att numru ta' iskrizzjoni 4418/2016. Stephanie Fenech (KI Nru. 254187M) hi omm l-imsemmi Milorad

Vekovic, u f'dan ir-rikors guramentat qed tidher fil-kwalita' premessa fl-interess tal-istess minuri Milorad Vekovic peress li dan ta' l-ahhar ghadu f'eta' minorenni;

2. Illi missier Milorad Vekovic huwa mis-Serbia izda wara li r-relazzjoni mar-rikorrenti spiccat dan telaq minn dawn il-gzejjer permanentament u fil-fatt permezz ta' kuntratt fl-Atti tan-Nutar Timothy Ellis datat it-23 ta' Jannar 2019 hu ghadda l-kura u l-kustodja ta' uliedhom minorenni esklussivament f'idejn ir-rikorrenti Stephanie Fenech;

3. Illi ir-rikorrenti hi omm ta' tarbija ohra, oht Milorad Vekovic bint wkoll l-istess missier, u cioe' Dorina Vekovic Fenech li twieldet gewwa l-Imsida nhar is-7 ta' Settembru tas-sena 2017;

4. Illi bi zvista meta gie registrat Milorad Vekovic r-rikorrenti naqset milli zzid kunjomha wara Vekovic sabiex it-tifel jkollu wkoll wara ismu kunjom ommu bhal ma fil-fatt wara giet registrata ohtu li twieldet warajh u cioe Vekovic Fenech;

5. Illi fi klawsola 4(a) tal-Kuntratt Pubbliku ppublikat fl-Atti tan-Nutar Timothy Ellis datat 23 ta' Jannar 2019 missier il-minuri kien diga' ta' il-kunsens tieghu lir-rikorrenti sabiex izzid il-kunjom taghha u cioe' Fenech wara Vekovic u ghalhekk issa tixtieq li dan jsir wkoll fl-ufficjali Att tat-twelid tal-minuri;

6. Illi l-fatt illi l-kunjom ta' l-omm u cioe Fenech mhux mizjud wara Vekovic fuq l-atti ta' binha jikkawza lir-rikorrenti diffikultajiet diversi meta din tmur tapplika ghal kwalunkwe servizz anke ta' edukazzjoni tal-minuri jew meta tigi biex issiefer ghax fuq id-dokumenti ufficjali m'hemmx rabta mal-kunjom taghha;

7. Illi r-rikorrenti konxja li dan kien zvista taghha u ta' missier il-minuri u mhux b'xi mod bi htija ta' l-intimat;

8. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Raguni tal-kawza:

Billi l-kura u l-kustodja tal-minuri Milorad hi ghand l-omm u dan minhabba li l-missier abbanduna ghal kollox din il-Gzira u lil ibnu u ghalhekk f'kull istant tal-hajja hi l-omm u cioe ir-rikorrenti li qed issib diffikultajiet kontinwi minhabba li fid-dokumenti ufficjali u partiklarment l-Att tat-twelid ta' binha ma' hemmx il-kunjom taghha mizjud wara l-kunjom Vekovic li juri rabta maghha u billi din l-Onorabbli Qorti ghandha s-setgha li tordna lid-Direttur konvenut jaghmel annotazzjoni mehtiega sabiex din is-sotwazzjoni tigi rimedjata, kellhom jsiru dawn il-proceduri.

Talbiet:

Jghid ghalhekk l-intimat ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex, prevja kull dikjarazzjoni ohra xierqa u opportuna:

1. Tiddikjara illi jkun fl-ahjar interess tal-minuri illi l-atti tat-twelid tieghu jigi emendat billi jinzied kunjom l-omm wara dak tal-missier sabiex il-minuri jkun maghruf bhala 'Milorad Vekovic Fenech';

2. Tordna lid-Direttur konvenut jaghmel dik l-annotazzjoni mehtiega fil-margini tal-Att tat-Twelid ta' bin-numru ta' skrizzjoni 4418/2016, b'dana b'hekk illi l-istess minuri Milorad jigi registrat bl-isem ta' Milorad Vekovic Fenech u dan ai termini tal-artikolu 253(1) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

   Id-Direttur konvenut jinsab minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-Risposta Guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku kif isegwi:

1. Illi l-esponent jiddikjara li ma huwiex edott tal-fatti hekk kif dikjarati fir-rikors guramentat;

2. Illi bla hsara ghal premess u fil-mertu, jidher li din l-azzjoni legali qed tigi ppernjata abbazi tal-Artikolu 253 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex jigi ddikjarat illi kunjom il-minuri huwa 'Vekovic Fenech' minflok 'Vekovic' u li konsegwentament ghandha ssir l-korrezzjoni necessarja mill-konvenut fl-Att tat-Twelid bin-numru 4418 tas-sena 2016 hawn anness u mmarkat Dok. DRP 1;

3. Illi f'dan l-istadju l-esponenti jeccepixxi illi Artikolu 253 tal-Kodici Civili, jaghti biss lok ghal korrezzjonijiet f'ismijiet u mhux f'kunjomijiet salv pero' jekk ma jkunx hemm xi zball genwin li ghandu jkun wiehed car u evidenti, hekk kif gie enuncjat fid-dibattiti parlamentari u giurisprudenza nostrana;

4. Illi rigward kunjomijiet li jassumu ulied li gew imnissla u mwielda fiz-zwieg, l-artikolu applikabbli huwa Artikolu 4(3) tal-Kodici Civili li ghandu jinqara kontestwalment ma' Artikolu 292A tal-istess Kodici. Dawn iz-zewg artikoli jistipulaw:

*"Artikolu 4(3): Ulied iz-zwieg jiehdu kunjom missierhom, li warajh jistghu jizdiedu, skont l-artikolu 292A, kunjom xbubit ommhom jew kunjom zewgha li jkun miet qabilha";*

*"Artikolu 292A: Min jaghti l-avviz tat-twelid ghandu wkoll jikkonsenja dikjarazzjoni mill-genituri tat-tifel li fiha jkun hemm indikat il-kunjom li t-tifel ikun ser juza fit-termini ta' artikolu 4(3) jew tal-artikolu 92, u dak il-kunjom ghandu jkun registrat fil-kolonna taht l-intestatura "Isem jew ismijiet li bih it-tarbija ghandha tigi msejha u l-Kunjom" fl-att ta' twelid minnufih wara dak l-isem jew ismijiet. Meta ma ssirx dikjarazzjoni bhal dik fil-kaz ta' tifel imnissel imwieled fiz-zwieg, kunjom il-missier ghandu jitqies li jkun gie hekk dikjarat, u fil-kaz ta' tifel imnissel u mwieled barra miz-zwieg, kunjom xbubit l-omm ghandu jitqies bhala l-kunjom hekk dikjarat";*

5. Illi jekk din id-dikjarazzjoni ai termini tal-Artikolu 292A tal-Kodici Civili ma ssirx, ghandu ghaldaqstant jitqies li l-kunjom li ghandha tassumi tarbija huwa dak tal-missier biss u li finalment tali ghazla hija wahda definittiva;

6. Illi fil-kaz odjern, meta r-rikorrenti marret flimkien mal-ex ragel taghha sabiex tiddikjara lil minuri mad-Dipartiment tar-Registru Pubbliku, fid-dikjarazzjoni taghhom huma nizzlu li l-kunjom li kien se jassumi l-minuri kien dak ta' 'Vekovic'. Fil-fatt dikjarazzjonijiet in kwistjoni tinsab hawn annessa u mmarkat bhala Dok. DRP 2;

7. Illi fir-rikors guramentat gie ddikjarat mir-rikorrenti stess illi dan kien zball da parti taghhom u ghaldaqstant fic-cirkostanzi ma jirrizultax li sar xi nuqqas min-naha tar-Registru Pubbliku;

8. Illi stante s-suespost, l-esponent huwa tal-fehma illi f'kaz li jigi ppruvat illi verament kien hemm zball da parti l-attrici u l-Qorti tkun sodisfatta illi tali zball huwa manifestament car, huwa jirrimetti ruhu ghat-talbiet kif dedotti;

9. Illi bla pregudizzju ghal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz, l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir ta' l-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

10. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qeghdin jigi ingunti in subizzjoni.

Rat illi fil-verbal tal-lum stess il-partijiet qablu li l-kawza setghet tmur ghad-decizjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti.

**Ikkunsidrat:**

Rat id-dokumentazzjoni kollha annessa mar-rikors guramentat.

Rat partikolarment l-affidavit ta' Stephanie Fenech fejn hija ddikjarat bil-gurament illi l-fatt illi ma tnizzilx il-kunjom 'Fenech' kien bi zvista da parti taghha u ta' missier il-minuri u dan jirrizulta mill-affidavit a fol. 14 tal-process.

Illi in vista ta' dak kollu kontenut fl-atti u tas-suespost tqis illi t-talba kif esposta hija gustifikata u ser tghaddi sabiex tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant il-Qorti filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tar-Regitratur intimat sakemm dawn huma nkompatibbli ma' dak hawn deciz tghaddi sabiex:

(1) Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li huwa fl-ahjar interess tal-minuri li l-Att tat-Twelid tieghu jigi emendat billi jizdied kunjom l-omm wara dak tal-missier sabiex il-minuri jkun maghruf bhala 'Milorad Vekovic Fenech';

(2) Tilqa' t-tieni talba u tordna lid-Direttur konvenut jaghmel dik l-annotazzjoni mehtiega fil-margini ta' l-Att tat-Twelid bin-numru ta' Skrizzjoni erbgha t'elef erbgha mija u tmintax ta' l-elfejn u sittax (4418/2016), b'dana hekk illi l-istess minuri 'Milorad' jigi registrat bl-isem ta' 'Milorad' u l-kunjom Vekovic Fenech' u dan ai termini tal-Artikolu 253(1) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Stante illi jirrizulta illi dan kollhu kien rizultat ta' zball da parti tar-rikorrenti l-ispejjez ghandhom jigu sopportati mill-istess rikorrenti.

Kawza deciza.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**28 ta' Jannar 2020**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**28 ta' Jannar 2020**